MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2011

Numru. 129/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Micallef)**

**vs**

**Vincent Xuereb, ta’ 44 sena, bin il-mejjet Salvu u Maria nee` Farrugia, imwieled l-Pieta` nhar il-31 ta’ Jannar 1966, residenti Nru. 274, Triq il-Bwieraq, Birkirkara, detentur ta’ karta ta’ l-identita` numru 82266(M)**

Il-Qorti,

Rat akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat Vincent Xuereb li gie akkuzat talli, nhar is-7 ta’ Jannar 2011, ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta’ filghodu (10.30am), fi Triq Tas-Sliema, Gzira;

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt

li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u cioe fuq il-persuni ta' PC220 Lawrence Cardona, PC750 Terry Mallia u PC197 Mark Attard;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi ingurjajt jew heddidt jew ghamilt offiza fuq il-persuni inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku li kienu qed jaghmlu jew minaba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezza' jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dam is-servizz u cioe` fuq il-persuni ta' PC220 Lawrence Cardona, PC750 Terry Mallia u PC197 Mark Attard;

3. U aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq l-persuni ta' PC220 Lawrence Cardona u dan skond kif iccertifika Dr. C. Mercieca tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi hfief fuq l-istess persuni ta' PC750 Terry Mallia u PC197 Mark Attard u dan skond kif iccertifika Dr. C. Mercieca M.D. tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq l-istess persuni ta' Jason Tabone, George Tabone u Albert Tabone u dan skond kif iccertifikat Dr. Josianne Sammut M.D. tac-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi m'obdiex l-ordnijiet legittimi mghotija lilu minn PC220 Lawrence Cardona, PC750 Terry Mallia u PC197 Mark Attard;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ksirt il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat id-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija mghamulha mill-imputat, il-fedina penali kwazi nadifa tieghu. Fuq kollox il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni r-retroxena li wassal ghal dan l-incident minn fejn jirrizulta illi l-imputat ma riedx jaghmel hsara lill-ufficjali tal-pulizija prezenti fuq il-post ta’ dana l-incident u fil-fatt skuza ruhu kemm fl-istqarrija rilaxxata mill-pulizija kif ukoll quddiem il-Qorti ghal dak li sehh.  Il-Qorti madanakollu ma tridx tnaqqas mis-serjeta ta’ dana l-incident fejn ufficjali tal-pulizija spiccaw mwegga’ waqat il-qadi ta’ dmirijiethom.

Ghaldaqstant wara li rat l-artikolu 95, 96, 221 (1), 222(1)(c), 338(ee) u 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta’ sentejn prigunerija li fid-dawl tal-konsiderezzjonijeit hawn fuq indikati u b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta dan il-perjodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba’ snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------